# GĦANDI JIEN NIBDEL IR-RELIĠJON TIEGĦI?

Minn George Ebejer

Jekk inti ssib li Alla ma kienx kuntent bir-reliġjon jew bil-knisja tiegħek, X'TAGĦMEL INT?

Jekk inti ddaħħal **f'moħħok** li inti ma għamiltx dak kollu li Sidna Ġesù Kristu qal li għandek tagħmel biex issalva, X'TAGĦMEL INT?

Il-knejjes differenti kollha li hawn ma jistgħux li jkunu kollha sewwa fit-tagħlim u fil-prattika tagħhom. X'tagħmel dik ir-ruħ onesta li ssib li hi qiegħdha ħażin reliġjożament?

## ALLA JRIDEK BIEX TIBDEL IR-RELIĠJON TIEGĦEK, JEKK HIJA ĦAŻINA!

**1. Madwar tlitt elef ruħ**. L-ewwel eżempju li nsibu fit-Testment il-Ġdid fejn folla kbira ta' nies bidlu r-reliġjon tagħhom hekk kif semgħu u sabu li ma kinux skond it-tagħlim tal-Mulej tagħna, Ġesù Kristu nsibuh f'Atti kapitlu tnejn. Wara li Pietru u l-appostli l-oħra ppridkaw lil folla kbira ta' Lhud (Atti 2:14), Pietru qalilhom hekk:

> "*Poplu ta' Iżrael, isimgħu dan li se ngħidilkom….*" (Atti 2:22).

Huma qagħdu jisimgħu b'attenzjoni kbira u mhux ma ridux li kunu jafu aktar għaliex huma kienu *diġa' jemmnu f'Alla* u ħassewhom li dak li huma kienu jem-mnu kien biżżejjed għalihom u kienu jħossu li kienu qegħdin fit-triq it-tajba! Wara li semgħu lil

Pietru u lil ħdax l-oħra huma riedu jkunu jafu x'għandhom jagħ-mlu biex jobdu lill-Mulej. U naqraw hekk dwar dan:

> "*Mela ħa jkun jaf bi żgur il-poplu kollu ta' Iżrael li lil dan Ġesù, li intom sal-labtuħ, Alla għamlu Mulej u Messija." Dan il-kliem laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u lil l-appostli l-oħra: "L-aħwa,* ***x'għandna nagħmlu aħna?*** *" U Pietru weġibhom: "* ***Indmu, u jitgħam-med kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom;*** *u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu. Għax il-wegħda qiegħda għalikom u għal uliedkom u għal dawk kollha li huma fil-bogħod, dawk kollha li l-Mulej Alla tagħna sejħilhom." U b'ħafna kliem ieħor tahom xhieda u wissiehom billi qalil-hom: "Salvaw lilkom infuskom minn dan in-nisel ħażin." Għalhekk* ***dawk li laqgħu kliemu tgħammdu*** *u dak in-nhar ingħaqdu mad-dixxipli madwar tlitt elef ruħ.* ***U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli*** *u fil-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb*" (Atti 2:26-42; enfasi tiegħi).

Kemm hawn illum li huma lesti li jwarrbu t-tagħlim żbaljat tagħhom li persuna ssalva bil-fidi biss qabel

ma hija titgħammed għall-maħfra tad-dnubiet? Meta l-Kelma ta' Alla tgħidilna lit-tlitt elef ruħ *ingħaqdu mad-dixxipli*, meta huma emmnu billi staqsew x'għandhom jagħmlu (v. 37) jew **wara** li huma *tgħammdu għall-maħfra ta' dnubiethom* (v. 34)? Lest int li twarrab it-tagħlim falz li wieħed isalva bil-fidi biss u tagħmel kif għamlu dak it-tlitt elef ruħ mingħajr ma tħalli lil xi mexxej reliġjuż modern jinterpretalek minn moħħu l-Kelma ta' Alla? Lest int li tagħmel **eżatt** dak li l-appostli qalu lis-semmiegħa tagħhom biex jagħm-lu biex isalvaw, jiġifieri, "***Indmu, u jitgħammed*** *kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu* ***għall-maħ-fra ta' dnubietkom***" jew trid int li tibqa' skond it-ta-għlim tal-bnedmim billi tibqa' temmen li inti kont salv meta emmint u qabel ma tgħammidt? Jekk int m'intix lest li tbiddel ir-reliġjon tiegħek allura tinsiex lil min int għandek tagħti kont, mhux lil dawk li għallmu dak it-tagħlim żbaljat imma lil Dak li qallek ċar u tond x'għandek tagħmel! (Mattew 28:19; Mark 16:16; Luqa 24:47; Ġwanni 20:23; Ġwanni 12:48).

L-istess jekk int kont mgħammed bħala tarbija, int ma stajtx "tindem" minn ebda dnubiet qabel ma kont mgħammed, lanqas ma stajt temmen. Għalhekk trid tara x'se tagħmel! Lest int li tibdel ir-reliġjon tiegħek?

**2. L-Appostlu Pawlu** bidel ir-reliġjon tiegħu. Hu kien raġel reliġjuż b'ħeġġa kbira. Isma' xi jgħid Pawlu dwaru nnifsu f'dan ir-rigward,

> "*Intom smajtu bl-imġiba tiegħi meta kont għadni fir-reliġjon Lhudija, kif*

*kont nippersegwita bis-sħiħ il-knisja ta' Alla u nfittex li nħarbatha; u kemm kont 'il quddiem fir-reliġjon Lhudija fost il-poplu tiegħi aktar minn sħabi kollha ta' mpari, imġennen kif kont għat-tradizzjonijiet ta' missirijieti. Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus, minnufih, bla ma qgħadt infittex li nieħu parir mingħand il-bnedmin tad-demm u l-aħam, bla ma tlajt Ġerusalem għand dawk li kienu appostli qabli, jiena mort fl-Għarabja, u mbagħad erġajt lura lejn Damasku*" (Galatin 1:13-17).

Dwar il-konverżjoni ta' Pawlu tajjeb li taqra Atti 9:1-19; 22:6-16; 26:12-18).

Il-kuxjenza ta' Pawlu kienet safja (Atti 23:1), iżda hu kien fl-iżball! Il-konfrontazzjoni tiegħu ma' Kristu wriet li hu għandu jibdel ir-reliġjon tiegħu minnufih. Fil-bidla huwa sab salvazzjoni u paċi ma' Alla. Hu sar l-akbar appostlu ta' Kristu (Atti 22:16). Pawlu ma qagħadx jaħsibha dwar jekk għandux ibiddel ir-reliġjon tiegħu jew le. Kif huwa sab li ma kienx miexi skond il-Kelma tal-Mulej, minnufih hu tgħammed għall-maħfra ta' dnubietu:

"*U issa x'inti tistenna? Qum! Tgħammed u nħasel minn dnubietek, int u ssejjaħ ismu*" (Atti 22:16).

Jekk inti sibt li kont mgħallem li inti kont salv hekk kif emmint u mhux *wara* li kont mgħammed għall-maħfra ta' dnubiet (Atti 2:38) jew biex taħsel dnubietek (Atti 22:16), lest issa li tibdel ir-reliġjon tiegħek u taċċetta dik tal-Mulej jew trid tkompli timxi fuq it-tagħlim tal-bnedmin?

**3. Apollu** bidel ir-reliġjon tiegħu. Hu kien raġel reliġjuż tabilħaqq, perdikatur elokwenti, iżda kien żbaljat. Apollu kien muri t-Triq tal-Mulej aktar perfettament. Hu sar qaddej kbir għal Kristu. Dwar il-konverżjoni tiegħu naqraw hekk:

> "*Wieħed Lhudi minn Lixandra, jismu Apollu, wasal Efesu. Kien raġel jinqala' biex jitkellem, u għaref fl-Iskrittura. Kien mgħallem fit-Triq tal-Mulej, u kien jitkellem b'ħeġġa kbira u jgħallem fuq Ġesù, għad li kien jaf biss bil-magħmudija ta' Ġwanni. Dan beda jit-kellem bi qlubija kbira fis-sinagoga. Prixxilla u Akwila semgħuh; ħaduh magħhom u fissrulu t-Triq ta' Alla iktar bir-reqqa. Billi hu ried imur l-Akaja, l-aħwa għamlulu l-qalb u kitbu lid-dixxipli biex jilqgħuh. Meta wasal hemm, bis-saħħa tal-grazzja li kellu, kien ta' għajnuna kbira għal dawk li kienu emmnu. U bil-qawwa kollha kien jagħlaq ħalq il-Lhud quddiem kulħadd billi jurihom mill-Iskrittura li*

> *Ġesù hu l-Messija.*" (Atti 18:24-28; enfasi tiegħi).

Apollo kien Lhudi u kellu r-reliġjon Lhudija imma kif "fissrulu t-Triq ta' Alla iktar bir-reqqa" hu bidel ir-reliġjon tiegħu u sar Kristjan tat-Testment il-Ġdid.

Jekk int tistaqsi lilek innifsek, b'liema magħmudija jiena kont mgħammed, bil-magħmudija tat-trabi jew bil-magħmudija Skritturali, jiġifieri, dik bl-immersjoni *għall-maħfra tad-dnubiet*? Lest int li tibdel ir-reliġjon tiegħek, jekk issa sibt li ma kontx skond it-tagħlim tal-Mulej? (Mark 16:16; Atti 2:38).

**4. Uffiċjal għoli mill-Etjopja** kien qiegħed f'Ġerusalem jagħti qima lil Alla iżda meta Filippu xandarlu l-Bxara t-Tajba huwa bidel ir-reliġjon tiegħu minn-ufih. Isma' x'tgħid il-Bibbja Mqaddsa dwar dan l-uffiċjal:

> "*Anġlu tal-Mulej qal lil Filippu: "Qum, mur u qabad it-triq li tieħu lejn in-nofsinhar minn Ġerusalem għal Gaża." Din hi fid-deżert. Filippu qam u telaq. Huwa u sejjer, jara raġel mill-Etjopja, ewnuku, uffiċjal għoli ta' Kandaċe, sultana ta' l-Etjopja, li kien jieħu ħsieb it-teżori kollha tagħha.* ***Dan kien ġie f'Ġerusalem biex jagħti qima lil Alla****. Huwa u sejjer lura, kif kien bil-qiegħda fuq il-karru tiegħu, kien qie-għed jaqra l-ktieb tal-profeta Isaija. Imbagħad l-Ispirtu qal lil Filippu: "Mur u ersaq maġenb il-*

*karru." Filippu mar igħaġġel lejn ir-raġel. Kif semgħu jaqra l-ktieb tal-profeta Isaija staqsieh: "Dan li qed taqra qiegħded tifhmu?" Dak wieġbu: "***Kif nista' nifhem jekk xi ħadd ma jurinix?***" Imbagħad stieden lil Filippu biex jitla' bilqiegħda ħdejh. Is-silta ta' l-Iskrittura li kien qiegħed jaqra kienet din:*

> *'Bħal nagħġa meħuda għall-qatla, u bħal ħaruf sieket quddiem min iġiżżu, hekk hu ma fetaħx fommu. Għakksuh u kien imċaħħad mill-ġusti-zzja. Min qatt jista' jirrakk-onta fuq nislu? Għax neħ-ħewlu ħajtu minn fuq l-art.'*

*"Mela qal l-uffiċjal lil Filippu: "Għidli, nitolbok, lil min qiegħed igħid dan il-profeta? Għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor?" Imbagħad Filippu fetaħ fommu u beda minn din is-silta ta' l-Iskrittura jxandarlu l-Bxara t-tajba ta' Ġesù. Huma u sejrin għal għonq it-triq, waslu f'post fejn kien hemm l-ilma. U l-uffiċjal qal: "***Ara, hawn l-ilma! X'qiegħed iżommni li ma nitgħammidx?***" Imbagħad ordna li jwaqqfu l-karru, **niżlu t-tnejn fl-ilma**, hu u Fi-*

*lippu,* ***u dan għammdu. Malli telgħu mill-ilma****, l-Ispirtu tal-Mulej ħataf lil Filippu; l-uffiċjal ma rahx iktar u baqa' sejjer fi triqtu* ***kollu ferħan***" (Atti 8: 26-40; enfasi tiegħi).

Żgur li l-uffiċjal kien jemmen f'Alla għaliex hu kien mar Ġerusalem biex jagħti qima lil Alla. Imma bit-*twemmin biss* hu kien għadu mhuwiex salv kif igħallmu xi għalliema moderni! L-uffiċjali kien lest li jisma' dwar il-Kelma tal-Mulej u kien lest li jibdel ir-reliġjon tiegħu kemm-il darba jsib li kien fl-iżball! Wara li hu sar jaf x'għandu jagħmel biex jogħġob lill-Mulej, *mingħajr telf ta' żmien*, għaliex kien jaf li dnubietu kienu għadhom mhumiex maħfura, ordna li jwaqqfu l-karru u *tgħammed għall-maħfra ta' dnubietu*. **Wara** li hu kien mgħammed (u mhux qabel) "baqa' sejjer fi triqtu *kollu ferħan*" għaliex kien jaf li *issa* kien salv. Lest int li timxi fuq il-passi ta' dan l-uffiċjal, jekk inti wieħed minn dawk li temmen li persuna ssalva bil-fidi biss, jew trid tkompli timxi fuq it-tagħlim tal-bnedmin billi tkompli timxi fuq dak it-tagħlim żbaljat! Il-parir tiegħi hu, isma' mill-Mulej u mhux mill-bnedmin! (Luqa 6:46).

Ukoll, jekk int kont mgħammed bi ftit qtar ta' ilma fuq rasek bħala tarbija, lest int li twarrab dak it-tagħlim mhux Skritturali u timxi wkoll fuq l-eżempju Skri-tturali li għadna kif qrajna, jiġifieri, "***niżlu t-tnejn fl-ilma****, hu u Filippu,* ***u dan għammdu. Malli telgħu mill-ilma…***" Għalhekk il-magħmudija hija "immers-joni" u mhux tibxix ta' ftit qtar ta' ilma! Staqsi lilek innifsek kemm inti lest li twarrab ir-

reliġjon tiegħek u taċċetta dik tal-Mulej li tista' taqra dwarha fil-Bibbja Mqaddsa **tiegħek**!

5. **Kornelju**, ċenturjun tar-riġment Taljan,

> "*kien raġel sewwa u kellu l-biża' ta' Alla; kien jagħmel ħafna opri ta' karità mal-poplu u kien dejjem jitlob lil Alla*" (Atti 10:1-2).

Tassew dan ir-raġel kien bniedem tajjeb kif wieħed għandu jkun, iżda hekk kif sama' l-Bxara t-Tajba li l-appostlu Pietru xandarlu, hu bidel ir-reliġjon tiegħu minnufih. Kif u meta u biex Kornelju u l-familja tiegħu salvaw? Il-Kelma ta' Alla tgħidilna b'mod l-ak-tar ċar kif u meta u biex huma salvaw. Huma salvaw b'dak li qalilhom Pietru:

> "*u hu [Pietru] jgħidlek **kliem li bih issalva**, int u l-familja tiegħek kollha*" (Atti 11:14; enfasi tiegħi).

Xi wħud igħallmu *b'mod żbaljat għalkollox* li Kornelju u l-familja tiegħu kienu salvi *qabel* ma huma tgħammdu. Jekk inti trid li tkun taf il-kliem li Pietru kien igħid biex in-nies isalvaw aqra Atti 2:38. Żgur li Pietru qal l-istess kliem lil Kornelju u lill-familja tiegħu għaliex dak kien li ordnalu l-Mulej biex igħallem (Mattew 28:19; Mark 16:16; Luqa 24:47; Ġwanni 20:23)! Imbagħad naqraw hekk dwar is-salvazzjoni ta' Kornelju u l-familja tiegħu:

> "*Jista' xi ħadd jiċħad l-ilma tal-magħmudija lil dawn in-nies, li ħadu l-Ispirtu s-Santu bħalma ħadnieh aħna wkoll?*

> *U **ordna** li jitgħammdu **fl-isem ta' Kristu**…*" (Atti 10:47-48; enfasi tiegħi).

L-Ispirtu s-Santu ma niżilx fuqhom biex isalvahom imma biex juri lil-Lhud li l-Ġentili (pagani) kellhom aċċess ukoll għas-salvazzjoni (Atti 10:34). Kif jista' wieħed ikun salv **qabel** ma jsir ħaġa waħda ma' Kristu billi jkun mgħammed F'ISMU! (Galatin 3:26-27; Mattew 28:19) Huma kienu salvi b'dak li **qalilhom** Pietru:

> "*u hu [Pietru] jgħidlek **kliem LI BIH issalva**, int u l-familja tiegħek kollha*" (Atti 11:14; enfasi tiegħi).

Dan il-Kelma ta' Alla qed tgħidu! Għalhekk, lest int li twarrab ir-reliġjon żbaljata tiegħek u taċċetta mingħajr ebda tlaqliq dik tal-Mulej!

**6. Lidja**, mara reliġjuża tqim lil Alla, wara li qagħdet tisma' lil l-appostlu Pawlu jfissrilha l-Kelma ta' Alla, ħasset li għalkemm hija kienet tqim lil Alla hi ma kinetx fit-Triq tal-Mulej u bidlet ir-reliġjon tagħha. Isma' x'għandha xi tgħid il-Kelma ta' Alla dwar il-konverżjoni ta' din il-mara:

> "*Meta wasal is-Sibt, ħriġna barra l-bieb tal-belt, lejn xatt ix-xmara, fejn dehril-na li kien hemm dar tat-talb. Qgħadna bilqiegħda, u bdejna nkellmu lin-nisa li kien hemm miġbura flimkien. Waħda minnhom kien jisimha Lidja, mara minn Tijatira, li kienet tinnegozja l-porpra **u kienet***

> ***tqim lil Alla****. Hija qagħdet tismagħna, u l-Mulej fetħilha qalbha biex tifhem dak li kien igħid Pawlu.* ***Wara li tgħammdet hi u l-familja tagħha****, talbitna u qaltilna: "Jekk* ***jidhrilkom li jiena nemmen*** *fil-Mulej, ejjew oqogħdu d-dar tiegħi." U ġagħlitna noqogħdu għandha*" (Atti 16: 13-15; enfasi tiegħi).

Lidja, mhux bħal ħafna li jaħsbu li billi huma jagħtu qima lil Alla allura huma qegħdin fit-tirq it-tajba, kienet lesta li toqgħod tisma' dwar dak li tassew irid il-Mulej. Hija, u l-familja tagħha, wara li **semgħu** lil Pawlu jfissrilhom it-Triq tal-Mulej, u fehemu li ma kinux skond dak li jrid il-Mulej, tgħammdu billi kienu midfunin fl-ilma (Rumani 6:3-5; Kolossin 2:12). Huma bidlu r-reliġjon tagħhom bla ebda telf ta' żmien. Kemm hawn illum min hu lest li jwarrab it-tagħlim żbaljat tiegħu u jaċċetta dak biss li tgħidlu l-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa?

**7. Knisja sħiħa** f'Efesu nbidlet

> "*Meta Apollu kien Korintu, Pawlu għadda mill-inħawi ta' fuq u wasal Efesu, fejn sab xi dixxipli; u staqsiehom: "Ħadtu intom l-Ispirtu s-Santu meta emmintu?" Iżda huma weġbuh: "Le, anqas biss smajna li hemm l-Ispirtu s-Santu!" "Mela x'magħmudija ħadtu?" staqsiehom Pawlu. "Il-magħmudija ta' Ġwanni," weġbuh huma. Imbagħad*

> *Pawlu qalilhom: "Ġwanni għammed bil-magħmudija ta' l-indiema; imma lin-nies kien igħidilhom biex jemmnu f'dak li kellu jiġi warajh, jiġifieri, f'Ġesù."* ***X'ħin semgħu dan, tgħam-mdu f'isem il-Mulej Ġesù*"** (Atti 19: 1-5).

Żgur li dawk id-dixxipli kienu *jemmnu*, imma kienu għadhom mhumiex salvi! X'kienet ir-raġuni li Pawlu staqsiehom "x'magħmudija ħadtu?" Ir-raġuni kienet għaliex jekk huma ma kinux tgħammdu bil-magħmu-dija *għall-maħfra tad-dnubiet f'isem il-Mulej Ġesù* kien jeħtiġilhom li jagħmlu dan mill-aktar fis possib-bli, kif fil-fatt naqraw li huma hekk għamlu! (v. 5). Meta Pawlu wera l-bżonn tagħhom, huma mmedjata-ment bidlu r-reliġjon tagħhom. Kemm hawn nies illum li lesti li jagħmlu bħalhom billi jwarrbu t-tagħim kollu tal-bnedmin u jaċċettaw biss dak li tgħid il-Kelma ta' Alla?

Jekk **inti** tabilħaqq tixtieq li ssalva kull ma għandek tagħmel huwa li ġġib ħajtek u l-prattika reliġjuża tie-għek f'armonija sħiħa mar-Rieda ta' Alla. Kif wieħed jista' jagħmel dan? L-istess kif għamlu n-nies ta' Berea billi:

> "*kuljum kienu jqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu*" (Atti 17:11-13).

Qabbel, kif qabblu dawk in-nies ta' Berea, il-knisja u t-twemmin kollu tiegħek ma' dawk irrivelati fil-Bibbja Mqaddsa **tiegħek**. Qabbel dak li int għamilt

biex issalva ma' l-eżempji ta' konverżjoni fil-Ktieb ta' Atti. Qabbel il-qima tiegħek u s-servizz lil Alla ma' dawk tal-Kristjani tal-bidu. Jekk tiegħek mhumiex identiċi ma' tagħhom, INT TEĦTIEĠ BIEX TIBDEL IR-RELIĠJON TIEGĦEK!

Ħares ftit lejn dawn l-eżempji Skritturali li Alla jrid li aħna nagħmlu u qabbilhom ma' dak li inti qiegħed tagħmel fir-reliġjon tiegħek:

1. Alla jrid li wieħed "**jemmen, jindem, u jitgħammed għall-maħfra ta' dnubietu**" biex isalva. (Mattew 28:19; Mark 16:16; Luqa 24:47; Atti 2:38).
   a. Staqsi lilek innifsek, "Kont jien **nemmen** meta tgħammidt jew meta għammduni?
   b. Jekk le, għaliex kont għadek tarbija, jew għaliex kont sfurzat biex titgħammed, allura teħtieġ li tibdel ir-reliġjon tiegħek.
   c. Ukoll int għandek tistaqsi lilek innifsek jekk int kontx mgħallem li inti salv bil-fidi biss u wara li int kont salv tgħammidt!
   d. Jekk int għamilt dan allura int ukoll teħtieġ li tibdel ir-reliġjon tiegħek!
2. Alla jrid li wieħed ikun **mgħaddas** kollu taħt l-ilma biex ikun mgħammed kif irid Hu (Atti 8:36-39; Rumani 6:3-5; Kolossin 2:12).
   a. Staqsi lilek innifsek: "Kont jien **mgħaddas fl-ilma** fil-magħmudija tiegħi? Jekk le, allu-ra teħtieġ li tibdel ir-reliġjon tiegħek.

Kif inti issa, tista' taċċerta lilek innifsek li inti qiegħed fiż-żgur? Ħares ftit lejn dawn il-eżempji:

1. Inti żgur li mhux se taċċetta li tixtri xi ħaġa ġdida li jkollha xi difett.
2. Inti żgur li mhux se taċċetta karta ta' għaxar liri dubjuża flok waħda ġenwina.
3. Allura sejjer int taċċetta tagħlim dubjuż minflok il-Kristjaneżmu ġenwin?
4. Sejjer int taċċetta tibxix ta' l-ilma għall-magħmudija minflok l-Iskritturali immersjoni fl-ilma?
5. Sejjer int taċċetta salvazzjoni bil-fidi biss minflok ma tobdi lill-Mulej li qal li "*min jemmen* ***U*** *jitgħammed isalva*"? (Enfasi tiegħi).
6. Sejjer int taċċetta lil Kristu bħala **a**lla minflok bħala **A**lla li Jista' Kollox, u b'hekk tkun qiegħed temmen f'ŻEWĠ ALLAT, wieħed **A**lla Kbir u l-ieħor **a**lla żgħir u b'hekk int tkun politeista meta l-Kelma ta' Alla tgħidilna b'mod l-aktar ċar li aħna għandna nemmnu *u naċċettaw* biss **Alla wieħed**? (Efesin 4:6; Mattew 1:23; 28:19; Luqa 5:20-21; Lhud 1:6, 8; eċċ.). Idħol fik innifsek u aħseb ftit dwar dan!
   a. Ma tistax temmen li l-Missier Hu **A**lla u li Kristu Hu **a**lla għaliex aħna għandna nemmnu biss f'Alla **wieħed** fis-saltna tad-dawl u mhux fi tnejn! Hemm ħafna *allat oħra* msemmija fil-Bibbja imma fis-Saltna tad-Dawl hemm biss Alla wieħed, u Kristu huwa msejjaħ Alla fis-saltna tad-Dawl!
   b. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna li l-Missier Hu Alla (Filippin 1:2); u li Kristu Hu Alla (Ġwanni 1:1; Mattew 1:23; Isaija 6:9; Kolossin

2:9; Lhud 1:8) u li l-Ispirtu s-Santu Hu Alla (Atti 5:3-4), imma tgħidilna li hemm biss Alla wieħed (Efesin 4:6).

c. Jekk inti wieħed minn dawk li jemmnu li l-Missier Hu **A**lla u li Kristu Hu **a**lla, allura int għandek tibdel ir-reliġjon tiegħek mill-aktar fiss possibbli.

d. L-Alla Wieħed huma tlieta flimkien (Mattew 28:19).

7. Sejjer int taċċetta t-tagħlim falz li xi wħud se jibqgħu jgħixu fuq l-art waqt li oħrajn se jkunu fis-smewwiet meta l-Kelma ta' Alla tgħidilna li ħlasna **lkoll** huwa fis-smewwiet (Mattew 5:12; 22:30; 1 Korintin 15:35-49; 2 Korintin 5:1-3; Filippin 3:20; 1 Pietru 1:3-5)?

8. Sejjer int taċċetta bħala ras jew kap tal-knisja li int membru fiha bniedem bħala President, jew bħala Papa, jew bħala Arċisqof, eċċ. jew sejjer int taċċetta biss lil Ġesù Kristu bħala r-Ras unika tal-knisja (Kolossin 1:18; Efesin 1:10; 4:15)?

a. Jekk int għandek President fil-knisja li inti membru tagħha allura għandek tibdel ir-reli-ġjon tiegħek għaliex dak mhuwiex Skrittu-rali!

b. Jekk int għandek persuna li sejjaħ lilha nfis-ha, jew isejħulha "Holy Father", "Missier Qaddis" (Papa) allura int għandek tibdel ir-reliġjon tiegħek għaliex dak mhuwiex Skritturali u L-Mulej tagħna kkundanna titli reliġjużi bħal dawk (Mattew 23:9; Ġwanni 17:11; Rivelazzjoni 15:4; Salm 111:9).

9. Sejjer inti taċċetta l-interpretazzjonijiet żbaljati tal-bnedmin minflok ma taċċetta l-Kelma safja ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa?

Aħna ma nistgħux naffordjaw li nagħmlu xi żbalji fil-ħajja Kristjana tagħna għaliex aħna sejrin nagħmlu vjaġġ wieħed biss miż-żmien għal l-eternità, u ma jkollniex l-opportunità biex nirritornaw lura u nirranġaw l-iżbalji tagħna! Żbalji żgħar spiss ikunu segwiti minn konsegwenzi kbar.

> "*Għax min il-liġi jħarisha kollha imma jiksirha f'ħaġa waħda biss, ikun ħati ta' kollox*" (Ġakbu 2:10.

Il-Kelma ta' Alla twissina hekk:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisim-għux. Mela tissieħbu qatt magħhom!*" (Efesin 5:6-7).

Ukoll għandna t-twissija:

> "*Intom, mela, ħuti għeżież, ladarba tafu dan, għassu sewwa li ma tisfawx maħkuma mill-iżbalji ta' dawn in-nies bla rażan u taqgħu mnejn tinsabu fis-sod. Ikbru fil-grazzja u fl-għarfien ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu. Lilu glorja issa u għal dejjem*

Aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid, dejjem lesti li ngħinuk bl-aħjar mod li nistgħu biex "*tagħraf il-verità li tista' teħilsek*" (Ġwanni 8:31-32).

Għal aktar informazzjoni jew għall-kors tal-Bibbja bil-korrispondenza bla ħlas ikteb lill:


Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
Malta


Ħin tal-Laqgħat:
Il-Ħadd – 10.30 a.m.
L-Erbgħa: 7.00 p.m.

www.churchofchristmalta.com
E-mail: info@churchofchristmalta.com